**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Stephen J. Gatt)**

**vs.**

**Emanuel Charles Joseph Attard**

Numru 86/2002

Illum 16 ta' Novembru 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Emanuel Charles Joseph Attard**, ta' sebgha u ghoxrin (27) sena, iben Paul u Gracie Attard, imwieled l-Awstralja fit-28 ta' Novembru 1974, li joqghod 21, Triq St. Elena, Birkirkara, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 554890(M) akkuzat talli:

1. fis-27 ta' Dicembru 2000 ghal habta tad-9.00am gewwa l-Msida, ikkommetta serq ta' flus li jammontaw ghal Lm370[1] mill-fond maghruf bhala Mr. Subs li jinsab fl-Msida ghad-dannu ta' Carmel Debono liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u l-valur;

[1] Ekwivalenti ghal €861.87.

2. fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta datata t-12 ta' Dicembru 2000.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 4).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 6).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef Silvio Camilleri (*a fol.* 107 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2016, lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2017, lill-imputat jiddikjara li huwa kien ser jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u semghet ukoll lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex provi xi tressaq (*a fol.* 119).

Semghet, fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2017, is-sottomissjonijiet finali da parte tal-Prosekuzzjoni (*a fol.* 121).

Semghet fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2017, lid-difiza tirrimetti ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2007, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-Assistant Kummissarju gia **Spettur Stephen J. Gatt** (*a fol.* 39 *et seq.*) fejn spjega li fis-16 ta' Frar 2001 ghall-habta tas-1.30pm certu Carmel Debono fil-kapacita' tieghu bhala s-sid tar-*restaurant* bl-isem Mr. Subs mar jaghmel rapport fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Msida. Jghid li Debono qal li fis-27 ta' Dicembru 2000 ghall-habta tad-9.00am kellu impjegat mieghu li dahal gewwa u sgassalu l-*amusement machines* li kienu gewwa l-hanut u minnhom ha l-ammont ta' Lm370. Jghid li Debono qal li dan il-persuna kien l-imputat. Jixhed li Debono kien qal li ma kienx irraporta s-serqa dakinhar tas-27 ta' Dicembru 2000 peress li l-imputat kien qallu li kien ser jirritorna l-flus kollha li kien seraq pero' peress li l-imputat qatt ma mar u qatt ma regghu ltaqa' mieghu, Debono mar jaghmel rapport ufficjali. Jghid li gie arrestat l-imputat u ttiehditlu stqarrija li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "EA" (*a fol.* 42 *et seq.*). Ezebixxa wkoll ir-rapport tal-Pulizija li gie mmarkat bhala Dok. "EA 1" (*a fol.* 44 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2015, xehed **PC 1583 Stephen Spiteri** (*a fol.* 99 *et seq.*) in segwitu ta' dak li Carmel Debono mar jirraporta fis-16 ta' Frar 2001. Huwa xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom l-Ufficjal Prosekutur Gatt. Ezebixxa r-rapport li gie mmarkat bhala Dok. "SS" (*a fol.* 101 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija rilaxxata mill-imputat (Dok. "EA" – *a fol.* 42 *et seq.*)**

Illi l-Qorti ser tibda l-konsiderazzjonijiet taghha billi taghmel riferenza ghall-istqarrija (Dok. "EA" – *a fol.* 42 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur, liema stqarrija giet rilaxxata fis-16 ta' Frar 2001. Il-Qorti tinnota li ser tiskarta l-imsemmija stqarrija u dak li nghad fiha u dana *stante* li meta ttiehdet din l-istqarrija l-imputat ma nghatax zmien jikkonsulta ruhu ma' avukat qabel kellem lill-Pulizija. Dana ma setghax isir ghaliex il-ligi vigenti f'dak iz-zmien, u cioe' fis-sena 2001, ma kienitx taghti d-dritt lill-imputat jaghmel dan. Dan jinghad in vista tal-gurisprudenza ricenti, fosthom id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Joseph Camilleri**.

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a*

*remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi minkejja li din il-kawza hadet numru ta' snin gmielu sabiex tigi fi tmiemha, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak li nghad mix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni (liema xhieda kienu jikkonsistu **biss** fid-depozizzjoni moghtija mill-Ufficjal Prosekutur Gatt u minn PC 1583 Stephen Spiteri), il-Qorti ma jirrizultalha bl-**ebda mod** li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata sal-grad rikjest mil-Ligi. Il-Prosekuzzjoni lanqas indenjat ruhha tressaq bhala xhud lill-allegat derubat Carmel Debono sabiex jaghti d-depozizzjoni tieghu. Dan huwa nuqqas serju da parte tal-Prosekuzzjoni. Tenut kont ta' dan, l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi jsegwi ghalhekk li l-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiehu in konsiderazzjoni tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat *stante* li din ghandha tigi biss ikkunsidrata f'kaz li l-ewwel (1) imputazzjoni tkun giet sodisfacentement pruvata.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Emanuel Charles Joseph Attard hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**